Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 13 / 2020

Il-Pulizija

vs

**Justin Chetcuti**

Illum, 28 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Justin Chetcuti, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 70093 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-15 t' April, 2018 fl-inhawi ta' Wied il-Bidnija l/o Mosta, u f' dawn il-Gzejjer, waqt l-istagun miftuh tal-kacca tal-ghasafar mhux fuq il-bahar b' deroga tas-Summiena, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew prova jiehu b' kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, meta ma kienx fil-pussess ta' licenzja valida skond ma jkun japplika, mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u meta ma ssodisfax il-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra u dan bi ksur ta' Regolament 12 (l) tal-A.L 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S 549.42).

Aktar talli kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew taht dawn ir-regolamenti u dan bi ksur ta' Reg 27 (l) (b) ta' l-A. L 79 ta' l-2006, hekk kif emendat L.S 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma kellux Licenzja tal-Kacca fir-Rebbiegha mahruga skond dawn ir-Regolamenti u ma ssottomettiex l-applikazzjoni tieghu matul il-perjodu stabbilit ghall-Licenzja ghall-Kacca fir-Rebbiegha lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi (Wild Birds Regulation Unit) u dan bi ksur ta' Regolament 4(1) u 4(3) tal-L.S 549.57 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li tghati l-piena taht ir-Regolamnet 27 (3) ta' l-A.L 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-arma Beretta bin-numru tas-serje T21188E u s-sospensjoni ta' kull licenza jew permess mahruga taht ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Jannar, 2020 fejn il-Qorti waea li rat Regolament 12 (1) tal-A. L 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S 549.42), Reg 27 (1)(b) ta' l-A. L 79 ta' l-2006, hekk kif emendat L.S 549.42, Regolament 4(1) u 4(3) tal-L.S 549.57 u Regolament 27(3)(a) ta' l-A. L ta' l-2006 hekk kif emendat L.S 549.42, tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghall-hlas ta multa ta' elf ewro (€1,000).

Il-Qorti, inoltre ai termini ta' Regolament 27 (3)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat il-konfiska tal-corpus delicti, kif ukoll ordnat is-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga lill-imputat, taht dawn ir-regolamneti u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghal perjodu ta' sentejn (2).

Rat ir-rikors tal-appellant Justin Chetcuti minnu pprezentat fil-5 ta' Frar, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha:

Tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija u konsegwentament;

Tilliberah minn kull htija u piena.

B' mod alternattiv, in vista tal-fatti u l-provi kif esposti taghti piena aktar idoneja ghall-kaz in kwistjoni billi tirriduci l-multa u/jew tnehhi l-konfiska tal-*corpus delicti,* u /jew tirriduci s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug lill-appellant taht il-ligi sussidjarja 549.42 u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.

Rat l-aggravji tal-appellanti li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**L-ewwel Agravvju**

L-artikolu 360 (2) tal-Kap 9 jghid x' ghandu jkun fiha citazzjoni u cioe':

' …ghandha ssemmi **CAR** il-persuna mharrka u ghandu jkun fiha, fil-qosor, l-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularijiet u ta' **ZMIEN** u ta' **LOK** li jkun jenhtiegu jew li jkunu **JISTGHU JINGHATAW**….' (emfazi mizjud mill-appellant.)

Illi hu minnu li ic-citazzjoni hi *avvizo di comparire* kif del resto gie dibattut quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti. Dan pero' ma jistax qatt ifisser li c-citazzjoni issir xi *fishing expedition ta'* lok u zmien.

Illi hu manifestament car mad-daqqa t' ghajn li c-citazzjoni qed tindika li l-allegat reat sar f' **Wied il-Bidnija l/o Mosta** u fl-istess nif tidika ukoll lok iehor generiku **'f' dawn il-gzejjer**'. Dan ta' l-ahhar jista' jindika kull post possibbli kemm f' Malta kif ukoll f' Ghawdex kif ukoll possibilment fl-ibhra territorjali Maltin. Dan il-fatt wahdu ma jqieghedx lill-imputat f' qaghda li jkun jista' jiddefendi ruhu adegwament ladarba l-prosekuzzjoni f' kax semplici bhal dan

ma kellix il-hila tidentifika arja la b' mod approssimattiva u aktar u aktar b' zewg postijiet li jistghu ma jikkombacawx.

Di piu' meta wiehed jezamina l-unika xhud tal-prosekuzzjoni li allegatament waqqaf lill-appellant, jigifieri id-depozizzjoni ta' PC 598 K.J. Farrugia permezz ta' affidavid (ghax PS 1231 Roderick Agius li allegatament kien mieghu u ma xhedx) lanqas kien kapaci jghid fejn ezattament jew tal-anqas b' mod approssimattiv allegatament lemah lill-appellant Chetcuti. Infatt il-kuntistabbli jghid biss li ghall-habta ta' 8.15 hrs (**hin li ma jezistix fic-citazzjoni**) nhar il-15 ta' April 2018 fl-inhawi tal-Mosta, Ta' Qali, Bidnija u Burmarrad allegatament waqqaf lill-appellant. Issa anki dawn il-postijiet huma imbeghda minn xulxin, fil-fatt jaqghu taht kunsilli lokali differenti bhala gurisdizzjoni.

Fuq l-istess punt ma hemmx indikazzjoni fuq ic-citazzjoni tal-hin tal-allegat infrazzjoni tal-appellant. Dan hu zgur fatt materjali importanti kemm ghall-prosekuzzjoni kif ukoll ghad-difiza biex din tal-ahhar tkun tista' taghmel xogholha. Il-prosekuzzjoni stess fic-citazzjoni fl-akkuza numru tlieta taghmel referenza ghall-hin. Infatt hemm '**Aktar talli fl-istess, data, lok u hin**…..' u ghalhekk il-mistoqsija terga' tkun x' lok u x' hin qed nitkellmu fuqhom meta hemm aktar minn lok wiehed u il-hin ma' jezistix fic-citazzjoni?! Dan zgur ihalli lill-appellant f' pozizzjoni xejn felici biex jiddefendi l-pozizzjoni tieghu b' mod adegwat.

Ghaldaqstant, anki jekk wiehed jikkondividi is-sentenza citata mill-ewwel Onorabbli Qorti f' dan ir-rigward ma jistax wiehed legalment u ragonevolment jasal ghall-istess konkluzjoni li waslet ghaliha dik il-Qorti.[1]

[1] Fuq l-istess suggett wiehed jista' jara ukoll is-segwenti sentenzi fost l-ohrajn: Il-Pulizija vs Martin Brincat tat-30 ta' April 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali as per Onr. Imhallef Joseph Galea Debono; Il-Pulizija vs John Mary Briffa tat-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali as per Onr. Imhallef David Scicluna; Il-Pulizija vs Paul Bartolo tat-3 ta' Ottubru 2013 mill-Qorti tal-Appell Kriminali as per Onr. Imhallef Michael Mallia; Il-Pulizija vs Mark Gatt tas-6 ta' Dicembru 2018 mill-Qorti tal-Appell Kriminali as per Onr. Imhallef C. Scerri Herrera; Il-Pulizija vs Luciano Mirabitur tas-16 ta' Mejju 2019 mill-Qorti tal-Appell Kriminali as per Onr. Imhallef C. Scerri Herrera.

**It-Tieni Aggravju**

Minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju ghandu jigi sottomess li dan hu reat u allura bhal kull reat iehor il-prosekuzzjoni hi obbligata li tipprova 'l hin minn kull dubbju dettat mir-raguni kemm l-*actus reus* kif ukoll il-*mens rea*. L-imputat ma kellux *guilty mind*. Dan johrog bic-car mhux biss mid-dikjarazzjonijiet li l-appellant ghamel lil PC 598 K.J. Farrugia allegatament fuq il-post tal-incident. Fil-fatt meta l-pulizija talbu il-licenzja tal-kacca mill-ewwel tah l-licenzja tal-kacca u ma kienx jaf li kellu bzonn licenzja specjali ohra ghall-kacca fir-Rebbieha. Huwa baqa' jsostni li l-licenzja tal-kacca li kellu fuqu u li kienet valida (fatt li mhux ikkontestat mill-prosekuzzjoni) kienet bizzejjed biex jaghmel l-attivita' li kien qed jaghmel anki meta ittiehed il-kwartieri tal-ALE u gie interrogat mill-ispettur Sheldon. B' hekk hu kellu kuxjenza nadifa. Kien jemmen li moralment u legalment kien korrett u ghalhekk kien fis-sewwa. B' hekk ma kellux l-intenzjoni kriminuza li jikser il-ligi u dan imsahhah mill-fatti, kif jirrizulta mill-atti, li kkollabora b'mod shih ma'l-pulizija li waqfuh u rrisponda ghad-domandi kollha li qalulu anki jekk ma inghatax la id-dritt li jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u lanqas ma tawh is-solita twissija biex jibqa' sieket u dak kollu li kien ser jghid jista' jingieb bhala prova. Hu lanqas ma ghazel li jikkonsulta mal-avukat tieghu meta wiegeb ghal-mistoqsijiet tal-ispettur Sheldon.

Fatt iehor li jsahhah it-tezi tal-appellant li ma kellux *mens rea* biex iwettaq l-allegat reat hu l-fatt li meta ra lill-pulzija hu ma ghamel l-ebda reazzjoni. La harab u lanqas prova jinheba fil-kampanja. Hu ikkollabora bi shih f' kull fazi tal-istharrig. Hu wiegeb ghad-domandi kollha kemm ta' PC 598 Farrugia, kif ukoll aktar tard tal-Ispettur Sheldon. Hu qalilhom li kien tajjeb u li kien staqsa lill-Pulizija tal-Ghassa dwar jekk setax johrog ghall-kacca bil-licenzja valida li kellu. A tempo vergine l-pulizija ezekutta kellha kull opportunita' li tistharreg aktar fil-fond l-verzjoni tas-suspettat, illum appellant, imma ghar-ragunijiet li taf hi jidher li ma ghamiltux. L-appellant irid ifakkar li l-

prosekuzzjoni kienet fid-dmir ittella l-provi kollha kemm favur kif ukoll kontra u ghalhekk aktar stharrig minn-naha taghha ladarba kellha l-verzjoni tal-appellant setghet issahhah il-kaz taghha, jew inkellha kif isostni l-appellant iddghajjfu. Izda dan ma ghamiltux. Ghalhekk fuq bazi ta' probabilita' dak mistqarr lill-ufficjali tal-pulizija f' zewg okkazzjonijiet differenti, **b'mod kostanti**, ghandu mis-sewwa u ma hemmx ghalfejn ma jigi emmnut.

Kif ben taf tajjeb din il-Qorti, bir-rispett kollu kieku wiehed kellu x' jahbi mill-pulizija, l-appellant kien jipprova jew jistahba jew jitlaq minn fuq il-post jew addirittura kien jipprova jerbah il-hin u jghid lill-ufficcjali tal-pulizija li kien nesa l-licenzja tar-Rebbieha id-dar biex imbaghd jikkonsulta ma' l-avukat tieghu jew jara kif ser johrog minnha. Minn dan ma ghandmel xejn u allura ic-*circumstantial evidence* u provi indiretti li ukoll gabet il-prosekuzzjoni ghandhom jindikaw li l-*mens rea* hu nieqes.

Marbut ma' dan l-ahhar punt tajjeb li wiehed jinnota li l-prosekuzzjoni ma gabitx xi provi li kien hemm xi ostakolu l-ghala l-appellant kieku talab ma kienx ser jinghata l-licenzja specjali tal-kacca fir-Rebbieha. Dan isahha l-argument tal-appellant li vera kien jemmen li b' dik il-licenzja valida hu seta jkun ghall-kacca f'April 2018. Wiehed jargumenta ukoll li in vista tan-nuqqas ta' xi impediment u tal-fatt li l-ghoti tal-licenzja specjali hi awtomatika ghal min ikollu il-licenzja generali u din tal-ewwel tiswa ftit flus biex iggibha, kien allura l-appellant jaqbillu ma japplikax meta illum kulhadd jaf kemm il-pieni ghar-reati fuq kacca huma horox? Dan il-fatt ukoll ghandu jimmilita favur l-appellant u jindika b' mod car li hu ma kellux a '*guilty mind*' meta hareg bl-arma tan-nar f' April 2018.

**It-Tielet Aggravju**

Minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravi qed jigi sottomess ghall-kunsiderazzjoni u gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ta' Appell Kriminali li il-prosekuzzjoni, bi precizjoni l-ispettur Colin Sheldon, ipproduciet numru ta'

dokumenti li huma immarkati minn JC1 sa JC8. Fost dawn id-dokumenti insibu l-ircevuta li allegatament inharget favur l-imputat meta ittehidlu is-senter u affarijiet ohra relatati mal-arma. Illi bir-rispett kollu dawn id-dokumenti kollha huma kopji mhux awtentikati. Ricentement il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Krtiminali fil-kawza Pulizija vs Charlton Caruana deciza fit-8 ta' Lulju 2019 mill-Magistrat Dottoressa Doreen Clarke qalet hekk:

*'Huwa principju ben stabbilit li fil-kamp penali ghandha titressaq l-ahjar prova, ghalhekk kull dokument, mhux fil-forma originali, irid ikun awtentikat minn persuna kompetenti, altrimenti ma jissodisfax il-kriterju ta' l-ahjar prova.*

*Illi dan il-principju huwa ben assodat fil-gurisprudenza taghna. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-Pulizija vs Concetta Charles il-Qorti ta' l-Appell Kriminali,[2] skartat fotokopji bhala prova propju ghaliex mhux awtentikati; dik il-Qorti qalet hekk:*

"**Ma hemmx dubbju illi d-dokumenti mhux awtentikati provduti mill-apellant, ghal dak li jirrigwarda fotokopji, ma jistghux jigu accettati bhala prova minn din il-Qorti**."
*Illi ghalhekk dawk id-dokumenti kollha li huma fotokopja mhux awtentikata ma jisawx jinghataw piz probatorju stante li mhumiex l-ahjar prova'[3].*

Illi kien PS 1231 Roderick Agius li hareg l-ircevuta tal-arma tan-nar u l-affarijiet l-ohra li tinsab immarkata bhala DOK JC 8. Illi peres li PS 1231 Agius ma xhedx u giet esebita biss fotokopja tal-ircevuta li mhix awtentikata skond il-ligi, allura din mhux l-ahjar prova rikjesta u b' hekk l-ewwel Qorti bir-rispett kollu ma setghetx tiehu konsiderazzjoni taghha u kellha tiskartaha. Wiehed irid ukoll josserva li din l-ircevuta mhux kompleta u l-fotokopja ghandha partijiet neqsin, Akat gravi minn hekk l-imsemmija fotokopja Dok JC 8 hija imbabsa u fejn hemm immarkata l-arma tan-nar hija immnizzla bl-inka blu. Dan ghandu fih innifsu johloq dubbju dwar l-

[2] Deciza fis-27 ta' Frar 2012.
[3] Referenza issir ukoll ghal-Pulizija vs Daphne-Anne Vella deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 t' Ottubru 2019 as per Onr. Imhallef Aaron M. Bugeja.

integrita' tal-prova. Konsegwenza ta' hekk l-arma tan-nar u il-munizzjoni ma gewx ipprezentati fl-atti u ghalhekk ma setghu qatt jigu konfiskatai bhala parti mill-*corpus delicti*. Dan l-argument ikompli jissahhah ghaliex l-prosekuzzjoni fl-ebda hin ma ezebit, lanqas biss formalment, xi oggett u b'hekk il-kofiska maghmula mill-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet issehh.

Dwar il-licenzja presentata u immarkata JC 4 anki dawn ma humiex prova ghaliex mhux pprezentati skond il-ligi u ghalhekk l-ewwewl Qorti kellha tiskartaha. Il-Qorti tal-Appell Kriminali as per Onr. Imhallef Consuelo Scerri Herrera fis-26 ta' Novembru 2019 fil-kawza Pulizija vs Emanuel Grech kienet qalet hekk f' kawza fuq l-istess suggett:

'*Ghalhekk il-prosekuzzjoni kienet mistennija li tressaq l-licenzja originali u li f' kaz li l-originali ma setghetx titressaq, il-persuna li awtorizzat il-hrug tal-licenzja kellha tittella biex tixhed u tikkonferma l-awtenticita' tal-licenzja'.*

L-istess Onorabbli Qorti tal-Appell kompliet tiddelibera u qalet hekk:

*'qabel il-Qorti tista' tikkunsidra l-mertu u cioe' jekk giex ippruvat li l-appellant kiser kundizzjoni jew kundizzjonijiet kontenuti f' licenzja, kien mehtieg li l-Prosekuzzjoni tressaq l-ahjar prova u cioe' kopja awtentika tal-licenzja jew li jitla xhud inkarigat ghal hrug tal-licenzja jixhed bil-gurament sabiex jikkonferma li l-licenzja kontenuta fl-atti anki jekk din giet elevata minghand l-appellant hija fil-fatt il-licenzja li kienet registrata f' isem l-appellant u li hi wahda awtentika'.*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz il-Pulizija vs Daniel Gatt fit-19 ta' Dicembru 2019 per Onr. Imhallef Aaron A. Bugeja qalet:

*'Illi l-partijiet fi proceduri penali, il-Prosekuzzjoni in primis, u li ghandha dmir li tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, trid tosservanza dik li hija maghrufa bhala l-best evidence rule, l-ahjar prova li tkun tista' tigi prezentata fil-kaz kontret Fis-*

*sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil5 ta' Lulju 2002, gie ritenut is-segwenti:*
*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhux disponibbli"'.*

Fil-kaz odjern, dak prezentat mill-prosekuzzjoni, ma ghandux jissodisfa r-rekwiziti hawn fuq delinejati u dak sottomess mill-prosekuzzjoni ma jilhaqx dak rikjest mill-ligi.

Ghaldaqstant, l-appellant ma jista' qatt jinstab hati li kiser xi kundizzjoni tal-licenzja principali ghax l-kopja tal-licenzja principali li hemm fl-atti ma tilhaqx r-rekwistiti legali, konsegwenta ta' hekk kull addebitu li tohrog mix-xhieda tal-ispettur Sheldon u tas-Sur Emanuel Muscat in rapprezentanza tad-WBRU rigwardanti licenzja jew licenzji ta' l-appellant ghandhom jigu skartata ghax ma jikkostitwux prova skond il-ligi[4].

**Raba' Aggravju**

Bla pregudizzju ghal dak diga' sottomess ghandu jinghad f' dak li jirrigwarda piena li l-appellant mhux recediv. Hu haddiem li ghandu familja u l-unika delizzju li ghandu hu li meta jsib ftit tal-hin johrog ghall-kacca waqt l-istagun miftuh, kif del resto kien fil-15 ta' April 2018. Il-piena ghandha tirrifletti fuq il-grad ta' negligenza (jekk kien hemm) riskontrata fl-agir tal-appellant stante li jista' jaghti l-kaz li din, ghad li tkun ta' natura kriminuza, pero' ma tilhaqx dak il-grad li timmerita piena iebsa. Fil-verita' l-iskop tal-piena mhux wiehed ta' tpattija[5].

---

[4] Wiehed irid iqies ukoll ix-xhieda konfuza, xejn serja u preciza tas-Sur Emanuel Muscat, ufficcjal pubbliku u parti mill-istaff tad-WBRU li ma kienx kapaci jaghti xhieda koerenti u qal dak qal wara hafna domandi diretti. Infatt l-ewwel verzjoni tieghu kienet li kien qed jixhed dwar **23.11.16 (ferm wara l-allegat infrazzjoni).** Fuq domanda diretta tal-Qorti (wara li l-istess Onorabbli Qorti kienet xebghet tisma inezattezzi minn xi hadd li suppost kien preparat li jixhed fuq semplici licenzja) 'Il-lista inti ghamiltha Sinjur'? u is-Sur Muscat tad-WBRU, xehed 'Le' u allura wiehed jista' forsi jifhem ghalfejn ix-xhud ma kienx komdu u ma kellux gharfien bizzejjed fuq il-materja!
[5] Ara f' dan is-sens Il-Pulizija vs Maria Bondin et deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-25 ta' Marzu 2019 as per Magistrat Dottoressa M. Frendo Dimech.

Ghaldaqstant l-appellant jemmen bis-shih ghandu jkun hemm temperament fil-piena u li l-multa moghtija kienet sproporzjonata u ghandha tkun fil-minimum kemm-il darba l-aggravi l-ohra ma jigghux milqugha. Kif diga' inghad l-ebda konfiska ma tista' u ghandha issir tal-copus delicti u is-sospensjoni tal-licenzja ukoll ghandha tkun l-anqas possibbli kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti thoss li ghandha tinponiha u ma tinsilx taht l-minimu minhabba ic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz.

Salv aggravji ohra.

Ikkunsidrat,

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fil-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) ufficjali tal-Pulizija ghamlu diversi spezzjonijiet fuq kaccaturi fl-inhawi tal-Mosta, Ta Qali, il-Bidnija u Burmarrad;

2. Illi fost id-diversi kaccaturi li gew spezzjonati, gie spezzjonat l-appellant;

3. Il-Prosekuzzjoni allegat li l-appellant ma kellux licenzja specjali biex johrog ghal kacca fir-rebbiegha fl-elfejn u tmintax (2018). L-appellant wera lil Ufficjali tal-Pulizija l-licenzja generali tal-kacca skont dak li jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija u minn dak dikjarat fl-affidavit ta' PC598 K.J. Farrugia;

4. Kien ghalhekk li nhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' dak li ghandu jkun fiha citazzjoni fosthom iz-zmien u l-lok. L-appellant jissotometti li c-citazzjoni tindika Wied il-Bidnija l/o Mosta u fl-istess nifs tindika ukoll lok iehor generiku f'dawn il-gzejjer. Gie sottomess li lanqas PC598

K.J. Farrugia li allegatament waqqaf lill-appellant ma indika fejn waqfu. Gie sottomess ukoll mill-appellant li fic-citazzjoni ma hemmx indikazzjoni tal-hin tal-allegat infrazzjoni tal-appellant. Li t-tielet imputazzjoni taghmel referenza ghal 'hin' ghalkemm ma hemmx imnizzel il-hin fic-citazzjoni. Skont l-appellant dan ihallih f'pozizzjoni xejn felici biex jiddefendi l-pozizzjoni tieghu b'mod adegwat.

Din il-Qorti sejra tibda' billi taghmel referenza ghall-atti biex tqis id-dettalji indikati fic-citazzjoni u l-provi mressqa.

Fic-citazzjoni jirrizulta li bhala dettalji tnizzlet id-data u cioe' l-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) kif ukoll l-inhawi u cioe' '*Wied il-Bidnija l/o Mosta, u f'dawn il-gzejjer*'.

Fir-rapport tal-Pulizija immarkat bhala JC3 u senjatament a fol 12 tnizzel li '*Illum l-ufficjali mnizzla f'dan ir-rapport ghamlu diversi spezzjonijiet fuq kaccaturi fl-inhawi tal-Mosta, Ta' Qali, Bidnija u Burmarrad hekk kif dettaljat lilhom. fost id-diversi kaccaturi li gew spezzjonati gie spezzjonat certu Justin Chetcuti..*'

Fl-istess rapport u cioe' a fol 11 tnizzel:

'*Address: MOSTA*
*Landmark: WIED TAL-BIDNIJA L/O MOSTA*'

Fl-affidavit ta' PC 598 K.J. Farrugia stazzjonat il-Kwartieri Generali tal-Pulizija-Ufficju CDO, a fol 17 u mmarkata bhala J.C.7 gie dikjarat li '*Nhar il-15/04/2018 ghall-habta tat-08:15Hrs waqt li jien PC 598 K.J. Farrugia kont first watch duty ma' PS 1231 Rodrick Agius ghamilna diversi spezzjonijiet fuq kaccaturi fl-inhawi tall-Mosta, Ta' Qali, Bidnija u Burmarrad hekk kif dettaljat lilna. Fost id-diversi kaccaturi li gew spezzjonati, spezzjonajna lil certu Justin Chetcuti Id Card No (70093M) fejn irrizulta li ma kellux l-licenzja specjali beix ikun jista' johrog ghall-kacca fir-rebbiegha 2018.*'

L-Ispettur Colin Sheldon fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) xehed li '*Meta jien kont ghadni stazzjonat l-ALE kien avvicinani Surgent minn taghna li kienu qed jaghmlu xi spezzjonijiet fl-inhawi tal-Bidnija. Id-data kienet il-15 ta' April 2018, fejn go wied partikolari gewwa l-Bidnija kien instab certu Justin Chetcuti li jiena qed naghraf hawnhekk*'.

Ghalhekk mir-rapport tal-Pulizija jirrizulta li r-reat sehh fil-wied tal-Bidnija, limiti tal-Mosta. B'zieda ma' dan, jirrizulta li fl-istqarrija rilaxxata fil-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) l-imputat gie mistoqsi '*Nghid sew li illum 15 ta' April 2018 il-Pulizija tal-ALE gew jghamlulek spezzjoni ghax kont qieghed ghall-kacca fil-Wied tal-Bidnijja?*' Wiegeb '*Iva.*' Ghalhekk minkejja li c-citazzjoni ma tindikax il-hin izda tindika d-data u tindika l-lok bhala '*Wied il-Bidnija l/o Mosta, u f'dawn il-gzejjer*', tqis li dawn il-partikularijiet kienu bizzejjed sabiex l-appellant ikun jaf ghal xiex qieghed iwiegeb.

F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

'*Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*'

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Anthony Cassar] vs Ramon Mifsud Grech Jean Paul Vella Brian Tonna Jonathan Micallef Omissis'**[6] fejn gie kkunsidrat:

'*Illi mill-atti jirrizulta ampjament li l-incident li dwaru tressqu l-provi kollha sehh nhar il-25 ta' Ottubru 2009 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' fil-ghodu. Pero l-imputazzjonijiet migjuba*

[6] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-23 ta' April, 2012 (Numru: 85/2010)

*kontra l-imputati kollha jirreferu ghall-incident li sehh nhar il-25 ta' Ottubru 2009 "**ghall-habta ta' xi l-hdax ta' fil-ghaxija**". Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:*

*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil- partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

*Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza f'l-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall- habta tas-7.30 a.m.", intqal li:*

*"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' " **tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni** izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"*

*Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti ta'l- Appell Krminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk f'l-ismijiet Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema, it- tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.*

*Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami huwa car li l-imputati odjerni ma jistghux jinstabu hatja ta'l- imputazzjonijiet lilhom addebietati ghaliex dawn jirreferu ghal fatti li suppost sehhew fid-29 ta' Ottubru 2009 fil-hdax ta' fil-ghaxija meta il-provi li ngiebu quddiem din il-Qorti jirreferu ghal-fatti li sehhew fid-29 ta' Ottubru 2009 fit-tlieta u nofs ta' fil-ghodu.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs Walid Salah Abdel Motalab Mohamed'**[7] fejn gie meqjus li:

'*10. Huwa opportun li jiġi indirizzat fl-ewwel lok l-aggravju (b) imsemmi fil-paragrafu 8 ta' din is-sentenza u ċioe dwar l-allegat żball fil- komparixxi dwar il-ħin li fih seħħ l-allegat każ.*

*11. F'dan ir-rigward għandu jingħad li anqas in kwantu għall- espożizzjoni taċ-ċirkostanzi tal-fatt inkriminat fl-att ta' akkuża - att ferm aktar formali u solenni minn dak ta' komparixxi - ma hi meħtieġa dik il- preċiżjoni assoluta li donnu jippretendi li għandu jkun hemm l-appellant fl-att tal-komparixxi li dejjem ġie desritt fil-ġurisprudenza bħala semplici avviso a comparire.* ***Sakemm il-fatti li jirriżultaw ma jkunux tant diverġenti miċ-ċirkostanzi kif deskritti fit-taħrika li jibdel fis-sustanza l-fatt inkriminat b'mod li l-imputat ma jkunx jista' jifhem għal-liema għemil tkun tirreferi l-imputazzjoni u konsengwenzjalment ma jitqiegħedx f'qagħda li jkun jista' jiddefendi ruħu adegwatament l-impreċżizjoni fid-deskrizzjoni tal-fatti li fuqhom tkun tistriħ l-inkriminazzjoni ma twassalx għan-nullità taċ-ċitazzjoni.*** *Dan hu hekk aktar u aktar f'dan il-każ fejn fiċ-ċitazzjoni jingħad li l-ħin kien "għal ħabta tat-3.30 am" (sottolinear tal-Qorti) u mhux "fit-3.30 am". Inoltre, fil-kontroeżami Christiana Vella xehdet li l- ħin kien "ftit qabel" it-3.30 am, "Forsi tlett kwarti qabel" u imbgħad kompliet tgħid "Bejn is-siegħa u nofs u – ma nafx eżatt x'ħin kien". Il- Qorti, għalhekk, hi sodisfatta li l-ħin tal-inċident kien jaqa' komodament fil-parametri ta' dak deskritt fiċ-ċitazzjoni u ċioè "għal ħabta tat-3.30 am". Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur M. Buttigieg) Vs Martin Brincat'**[8] gie meqjus li:

'*Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li ma gietx indikata bi precizjoni it-triq fejn gara l-kaz. Irrizulta mix-xhieda ta' EO 12 Debono li din kienet go Xemxija Bay , fejn hemm biss triq*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Dicembru, 2016 (Appell Numru: 145/2016)
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' April, 2003 (Appell Kriminali Numru: 281/2002)

*wahda w cioe' dik li tiffjanka il-bajja w ghalhekk ma hemmx f' hix tinfixel . Issa skond l-artikolu 360 (2) tal- Kodici Kriminali , c-citazzjoni ghandha ssemmi car il- persuna mharrka, w ghandu jkun fiha , fil-qosor, il-fatti tal-akkuza , bil-partikolaritajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw .*

*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl- Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Emmanuel Buttigieg" [4.11.1994] ;-*

*" .....wara l-introduzzjoni ta' l-inciz (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali , li bih ic-citazzjoni ghandu jkun fiha , fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza , bil-partikolaritajiet opportuni ta' zmien u l-lok , ic-citazzjoni ghadha mhix hlief avviz lill- imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati . Id- dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha , jew tal-proceduri , kompriza s-sentenza, li jsegwuha , izda ghall-fini tal- praticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien , u cioe' biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti, ikun jaf fuq hiex ikun gie mharrek , u hekk dak in-nhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta. L- imputazzjoni fil-kawzi sommarji hija dedotta kontra l- imputat proprjament u verament quddiem il-Qorti , u mhux fic-citazzjoni."*

*Issa fil-kaz odjern ghar-rigward tal-lok jissemma li l- incident gara go "Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Bahar" . Issa kullhadd jaf li fiz-zona tax-Xemxija hemm triq ewlenija , dik ta' mall-bahar kif fuq intqal u ghalhekk jidher li bl-uzu tad-dicitura imsemmija fic-citazzjoni kien ikun bizzejjed biex l-appellant ikun jaf ta' x'hiex ezatt kien qed jigi akkuzat. Hawn non si tratta ta' xi belt jew rahal b'xi ramifikazzjoni kapillari tat-toroq , pjazez jew sqaqien li setghu talvolta joholqu xi dubju dwar fejn seta gara l- incident li kien qed jigi akkuzat bih l-appellant . Umbaghad konsidrat il-fatt li hu kien twaqqaf minn EO 12 Debono – kuntrarjament ghal dak li jasserixxi gratuitament fir-rikors tal-appell - li kellmu dak il-hin, aktar u aktar l-appellant ma kellux fejn jitfixkel dwar fejn suppost gara l-fatt li kien qed jigi akkuzat bih. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-vot tal-ligi dwar ir-rekwiziti tac-citazzjoni gie sodisfatt f'dan il- kaz. Lanqas ma hemm xi difett fis-sentenza ghax ma giertx indikata it-triq fejn gara l-kaz ghax dan mhux rikjest mil-ligi.'*

Fil-kaz odjern, din il-Qorti ukoll tqis li l-vot tal-ligi dwar ir-rekwiziti tac-citazzjoni gie sodisfatt u li ma hemmx dubju li l-appellant kien jaf ghal xiex qieghed iwiegeb

meta tressaq quddiem il-Qorti. Dan l-aggravju huwa ghalhekk infondat u qieghed jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-actus reus u cioe' li l-prosekuzzjoni hi obbligata li tipprova lil hin minn kull dubbju dettat mir-raguni kemm l-actus reus kif ukoll il-mens rea. Jissottometti li l-imputat ma kellux *guilty mind*. Li meta l-Pulizija talbuh il-licenzja tal-kacca mill-ewwel tah il-licenzja tal-kacca u ma kienx jaf li kellu bzonn licenzja specjali ohra ghal kacca fir-Rebbieha. Li baqa jsostni li l-licenzja tal-kacca li kellu fuqu u li kienet valida kienet bizzejjed biex jaghmel l-attivita' li kien qed jaghmel anke meta ittiehed il-kwartieti tal-ALE u gie interrogat. Li huwa kellu kuxjenza nadifa u li kien jemmen li moralment u legalment kien korrett u ghalhekk kien fis-sewwa. Li ma kellux intenzjoni kriminuza li jikser il-ligi, li kkolabora b'mod shih mal-pulziija li waqfuh rrisponda ghad-domandi kollha li qalulu anke jekk ma nghatax la d-dritt li jikkonsulta mal-Avukat u lanqas is-solitu twissija biex jibqa' sieket u dak kollu li kien ser jghid jista' jingieb bhala prova. Li lanqas ma ghazel li jikkonsulta mal-avukat tieghu meta wiegeb ghal mistoqsijiet tal-Ispettur Sheldon fl-ufficju tal-ALE.

L-appellant jishaq li fatt iehor li jsahhah it-tezi li ma kellux mens rea li jwettaq l-allegat reat hu li meta ra l-pulizija hu ma ghamel l-ebda reazzjoni, la harab u lanqas prova jinheba fil-kampanja. Li ikkollabora bi shih f'kull fazi tal-istharrig, li wiegeb ghad-domandi. Qalilhom li kien tajjeb u li kien staqsa lil Pulizija tal-Ghassa jekk setghax johrog ghal-kacca bil-licenzja valida li kellu. Jissottometti li l-pulzija ezekuttiva kellha kull opportuntia' li tistharreg aktar fil-fond il-verzjoni tas-suspettat imma dan ma ghamlitux. Li l-prosekuzzjoni kienet fid-dmir li ittella l-provi kolha kemm favur u kemm kontra. Li fuq bazi ta' probabilita' dak mistqarr lil ufficjali tal-pulizija f'zewg okkazzjonijiet differenti, b'mod kostanti, ghandu mis-sewwa u ma hemmx ghalfejn ma jigix emnut. Jissottometti li c-circumstantial evidence u provi indiretti li gabet il-prosekuzzjoni ghandhom jindikaw li l-*mens rea* hu nieqes. Li l-

prosekuzzjoni ma gabitx provi li kien hemm xi ostakolu l-ghala l-appellant kieku talab ma kienx ser jinghata l-licenzja specjali tal-kacca fir-Rebbieha. Dan skont id-difiza isahhah l-argument tal-appellant li vera kien jemmen li b'dik il-licenzja valida hu seta jkun ghal kacca f'April tas-sena elfejn u tmintax (2018). Jissottometti li l-ghoti tal-licenzja specjali hi awtomatika ghal min ikollu il-licenzja generali u li tal-ewwel tiswa ftit flus biex iggibha, isaqsi jekk kien jaqbillu ma japplikax meta il-pieni ghar-reati fuq kacca huma horox.

Din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis is-succint il-provi prodotti. Fir-rapport tal-Pulizija esebiet bhala JC3 u li jinsab a fol 11 et sequitur tnizzel li '*Illum l-ufficjali mnizzla f'dan ir-rapport ghamlu diversi spezzjonijiet fuq kaccaturi fl-inhawi tal-Mosta, ta' Qali, Bidnija u Burmarrad hekk kif dettaljat lilhom. fost id-diversi kaccaturi li gew spezzjonati gie spezzjonat certu Justin Chetcuti I.D.70093 (M) fejn dan irrizulta li ma kellux l-licenzja specjali biex johrog ghal-kacca fir-rebbiegha 2018, filfatt meta mistoqsi ghaliex ma kellux l-imsemmi licenzja huwa stqarr li ma jafx li ma kellux l-licenzja specjali u uriena l-licenzja generali tal-kacca. Meta gie verifikat mar-registru ta' dawk il-kaccaturi li kellhom il-licenzja specjali ghar-rebbiegha 2018, gie ikonfermat li filfatt Chetcuti ma kellux licenzja specjali. dak il-hin gew elevati s-senter, 33 skartocc u licenzja generali tal-kacca li kellu mieghu Chetcuti.*
*Minnufih gie ikkuntattjat l-ispettur C. Sheldon, fejn dan ordna biex niehdu lil-Chetcuti l-ufficju ta' l-ALE ghal aktar stharrig.*'

PC 598 K.J. Farrugia xehed permezz tal-procedura tal-affidavit fejn spjega li '*Nhar il-15/04/2018 ghall-habta tat-08:15Hrs waqt li jien PC 598 K.J. Farrugia kont first watch duty ma' PS 1231 Rodrick Agius ghamilna diversi spezzjonijiet fuq kaccaturi fl-inhawi tal-Mosta, Ta' Qali, Bidnija u Burmarrad hekk kif kien dettaljat lilna. Fost id-diversi kaccaturi li gew spezzjonati, spezzjonajna lil certu Justin Chetcuti Id Card No (70093M) fejn irrizulta li ma kellux l-licenzja specjali biex ikun jista' johrog ghall-kacca fir-rebbiegha 2018. Meta gie mistoqsi ghaliex ma kellux l-imsemmija licenzja specjali; hu uriena l-licenzja generali tal-kacca. Ahna ccekjajna mar-registru ta' dawk il-kaccaturi li kellhom il-licenzja specjali ghar-rebbiegha 2018, fil-lista gie kkonfermat li Justin Chetctui ma kellux licenzja specjali. Dak il-hin gew elevati s-senter, 33 skartocc u l-licenzja generali tal-kacca li kellu fil-pussess tieghu*

*Justin Chetcuti.'* Tnizzel li '*Minnufih gie kkuntatjat l-Ipettur C. Sheldon, fejn dan ordna biex niehdu lil Justin Chetcuti l-ufficju tal-ALE.'*

Fl-istess affidavit gie dikjarat li:

'*Hemm ukoll gew konfiskati:*
*Senter tal-kacca li spara bih numru T21188E*
*Pocket tas-senter tal-lewn 'camouflage'.*
*33 skartocc.*
*Cintorin tal-iskratacc ta' lewn kannella.*
*1 'General License card'.*
*1 Booklet WBRU.*

*Ghal dawn inharget ircevuta bin-numru 2120 fejn l-imsemmi Justin Chetcuti 70093M inghata kopja taghha.*

*Ta' dan kollu jien xhud.'*

Quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) xehed Emanuel Muscat li jahdem WBRU, fejn mistoqsi jekk Justin Chetcuti fl-elfejn u tmintax (2018) fir-Rebbiegha kienx ghamel xi tip ta' applikazzjoni mal-Wild Birds Regulations Unit wiegeb le. Mistoqsi jekk teknikament setghax johrog ghal kacca wiegeb le. Jghid li ma ghandux licenzja valida. Huwa ghamel refrenza ghal spezzjoni li saret fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016), din izda mhijiex il-mertu ta' din il-kawza. Mistoqsi jekk fil-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) Justin Chetcuti sa fejn jaf hu ma kellu l-ebda licenzja mahruga wiegeb li '*Ghandi mnizzel li licenzja specjali ma kienetx giet applikata minn naha tieghu.*' Mistoqsi jekk fid-deroga ma setax johrog wiegeb '*La m' applikax, ma setax.*' In kontro-ezami mistoqsi jekk id-dokument, in-notament li ghandu ghamlux hu, wiegeb le. Mistoqsi mill-Qorti '*Sinjur inti qrajtilna xi noti illi dak iz-zmien l-imputat ma kienx applika ghall-permess specjali.*' wiegeb '*Iva.*' Mistoqsi dwar id-dettalji li ghandu dwar l-imputat wiegeb '*Id card 70093, Justin Chetcuti l-isem.*' Mistoqsi in ri-ezami jekk

meta jkollhom l-applikazzjonijiet ghal deroga, ikollhomx lista shiha ta' nies li aplikaw wiegeb iva u kkonferma li f'din il-lista l-isem u n-numru tal-karta tal-identita' ma kienx jezisti. Il-lista mhux hu jaghmilha. Il-lista ssir hekk kif bniedem jmur japplika, ikkonferma li jekk japplikaw elfejn ruh, ikun hemm elfejn isem, elfejn karta tal-identita' u elfejn licenzja.

L-Ispettur Colin Sheldon quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) spjega li meta kien ghadu stazzjonat l-ALE kien avvicinat minn Surgent li kien qed jaghmlu xi spezzjonijiet fl-inhawi tal-Bidnija. Id-data kienet il-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn go wied partikolari gewwa l-Bidnija kien instab certu Justin Chetcuti li gharaf fl-awla bhala l-imputat. Xehed li '*Kienu avvicinawh u kienu talbuh id-dokumenti tad-deroga biex jigu ccekkjati beix jivverifikaw li seta' jkun ghal kacca. Dak il-hin ma pproduca xejn u kien qallhom li ma kellu xejn dokumenti u kienu nfurmawni u ghidtilhom biex jigu bih l-ufficju tieghi l-ALE, fejn jiena aktar tard kellimtu. Tajtu d-dritt tal-avukat u hu ffirma waver li jien qieghed niprezenta hawnhekk. Qed naghraf il-firma tieghi, tal-Maggur Eugenio Caruana, PS 1231 u l-firma*'.

Xehed li ghamillu xi mistoqsijiet rigward id-deroga u jekk kienx applika ghad-deroga, fejn qallu li ma kienx jaf li jrid japplika ghad-deroga u qallu li ma kienx kellem ma' WBRU sabiex ikollu din il-licenzja u ovvjament ma setax johrog ghal kacca. Huwa prezenta l-istqarrija, prezenta r-rapport tal-kaz, dokument minn tal-armi ta' Justin Chetcuti, fedina penali u certifikat tat-twelid tal-appellant. Prezenta ukoll affidavit ta' PC 598 K. Farrugia, wiehed mill-Pulizija li kienu fuq il-post u prezenta dokument tas-*seizure.* Xehed ukoll li '*Qed niprezenta kopja tad-dokument originali ghax l-originali mhux qieghed hawn fil-file, kienet ittiehdet arma tan-nar tad-ditta Beretta bis-serial number T 21188 E*', kompla jixhed, Cintorin bl-iskratac li kien fih 33 skartocc u li hemm imnizzel li l-licenzja generali regghet inghatat lilu. Dawn id-dokumenti gew ipprezentati bhala Dok JC1 sa Dok JC8

In kontro-ezami l-Ispettur ikkonferma li ma kienx fuq il-post, ikkonferma li l-ufficjal investigattiv fuq il-post ewlieni kien PS 1231 Roderick Agius. Ikkonferma ukoll li f'dawn ic-cirkostanzi l-kuntistabbli PC 598 Kevin Farrugia li gej minn sezzjoni ohra

jkun qed jassisti lill-ufficjal tal-ALE li huwa aktar tekniku u specjalizzat f'dan it-tip ta' xoghol. Ikkonferma li l-appellant ikkopera mieghu.

L-appellant kif kellu kull dritt li jaghmel ghazel li ma jixhidx izda huwa kien irrilaxxa stqarrija fil-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018). F'din l-istqarrija mistoqsi '*Inti dilettant tal-kacca? Ghandek il-licenzja specjali sabiex tohrog ghall-kacca fi stagun miftuh?*' Wiegeb '*Mhux ovja. Iva. Iva il-licenzja specjali ghandi.*' Mistoqsi '*inti applikajt ghad-Deroga tal-kacca fuq is-summien fir-Rebbiegha 2018 mad-Dipartiment tal Wild Birds Regulations Unit (WBRU)?*' wiegeb '*Jien ghalija applikajt skont kif qaltli tal-ghassa.*' Ikkonferma li iz-zewg snieter huma registrati fuq ismu. Ikkonferma li wiehed mis-snieter li huwa tal-ghamla Beretta bin-nurmu tas-serje A22318L huwa mizmum mill-Pulizija fuq kaz precendenti li kellu fuq kacca illegali sentejn ilu. Mistoqsi jekk hallas il-licenzja tal-arma li ghad ghandu din is-sena wiegeb iva li ghandu l-karti li tawh l-ghassa f' Marzu li ghadda. Illum kien l-ewwel darba li hareg ghal kacca minn meta fetah l-istagun tas-summien b'deroga fir-rebbiegha 2018. Ikkonferma li llum il-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u tminatax (2018), il-Pulizija tal-ALE gew jaghmlulu spezzjoni ghax kien qieghed ghall-kacca fil-Wied tal-Bidnijja. Ikkonferma li r-ritratt li urieh huwa l-persuna li kien hdejh.[9] Mistoqsi jekk '*Charlot Chetcuti kien jaf li inti ma kontx applikajt ghad-Deroga tas-summien tar-Rebbiegha 2018?*' wiegeb '*Ma tkellimnix fuq din l-affari ghax jien kont minghalijja li kelli kollox sewwa.*' Qal li ma ra l-ebda gamiema u la hu u lanqas Charlot ma sparaw fuqha izda kien hemm xi tiri aktar l-boghod minnhom l-hemm u l-hawn. Zied jghid li '*meta jien mort sabiex inhallas il-licenzja tal-arm gewwa l-ghassa l-Mosta, il-Pulizija staqsejt jien x'kien ghad baqa li naghmel sabiex nkun nista immur ghal kacca fir-rebbiegha. Hija qaltli li kelli naghmel huwa li meta nohrog l-ewwel darba jien kelli nibghat messagg (SMS) fuq in numru tal-ktejjeb u jekk naqbad xi summiena kelli nirrapurtha hekk kif naqbadha.*'

Din il-Qorti tqis li ghalkemm fit-tieni aggravju, l-appellant allega li meta gie mitkellem mill-Pulizija huwa ma inghatax id-drittijiet tieghu, huwa ma jressaq l-ebda aggravju dwar l-ammissibilita' o meno ta' din il-prova abbazi ta' dan il-fatt izda jaghmel din is-sottomissjoni fil-kuntest tas-sottomissjoni li ma kellux l-intenzjoni

[9] Dan ir-ritratt ma giex ipprezentat fl-atti.

kriminuza.  Din il-Qorti dwar dan ghalhekk tqis li l-appellant ma huwiex jissottometti li dak mistqarr minnu fl-investigazzjoni inkluz a tempo vergine meta mwaqqaf fuq il-post huwa inammissibbli filfatt ma saret l-ebda talba dwar dan. Din il-Qorti tqis li anke jekk kellha tiskarta partijiet tax-xhieda u provi li jaghmlu referenza ghal dak li nqtal mill-appellant a tempo vergine qabel ma rrilaxxa l-istqarrija, jirruzlta li l-istqarrija tal-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018)  hija prova ammissibbli fejn ghalkemm meta mistoqsi '*Naqblu li inti gejt mghoti dritt tal-avukat qabel din l-interrogazzjoni u inti ghazilt li ma terzercitax dan id-dritt?*' wiegeb '*Iva.*', jirrizulta li huwa inghata d-dritt ukoll li jkollu Avukat waqt li jigi interrogat tant li l-appellant iffirma dikjarazzjoni li taqra:

'*Illum  l-Ufficjal investigattiv hawn taht iffirmat jiddikjara bil-miktub li Justin Chetcuti detentur tal-karta tal-identita numru 70093M gie mgharaf bid-dritt li jista jikkonsulta privatament mal-avukat jew prokuratur legali tal-fiducja tieghu wicc imb wicc jew bit-telfon qabel u waqt li jigi interrogat rigward kacca illegali u hu ghazel li ma jixtieqx jigi assistit.*'

Ghalhekk l-istqarrrija rilaxxata mill-appellant hija prova ammissibbli.

PCC 598 K.J farrugia fl-affidavit tieghu iddikjara li '*Ahna ccekjajna mar-registru ta' dawk il-kaccaturi li kellhom il-lcienzja specjali ghar-rebbiegha 2018 fil-lista gie kkonfermat li Justin Chetcuti **ma kellux licenzja specjali**.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.) Ghalkemm PS 1231 Rodrick Agius li kien fuq il-post flimkien ma' PC 598 K.J. Farrugia baqa ma xehdtx, l-appellant ma ghamiltx kontro-ezami lil PC 598 K.J. Farrugia li xehed permezz tal-affidavit fejn iddikjara li ccekjaw u li rrizulta li l-appellant ma kellux il-licenzja specjali. Emanuel Muscat fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) ukoll xehed  li l-appellant ma kellux applikazzjoni fl-elfejn u tmintax (2018) fir-Rebbiegha. Ikkonferma li ma setghax johrog ghal kacca ghax ma ghandux licenzja valida. In-notamenti li kellu ma ghamilhomx hu ghalkemm ikkonferma li Justin Chetcuti bin-numru tal-karta tal-identita' 70093 ma kienx fil-lista ta' nies li applikaw ghal deroga.  Ghalhekk din il-Qorti tqis li gie ppruvat sufficentement li l-appellant ma kellux licenzja specjali ghal kacca fir-rebbiegha.

L-appellant issejjes l-aggravju tieghu fuq li huwa ma kellux l-mens rea u cioe' li ma kienx jaf li kellu japplika ghal licenzja specjali. Din il-Qorti tqis li ma kien hemm l-ebda htiega li l-prosekuzzjoni tipprova li l-appellant kien jaf li qieghed jikser il-ligi u cioe' li xjentement kiser il-ligi, dak li jrid jigi ppruvat huwa li l-appellant ma kellux il-licenzja specjali sabiex jikkacja fir-rebbiegha u li minkejja dan huwa kien qieghed jiprova jikkacja, jikkacja, jiehu jew jipprova jiehu ghasfur.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Bernard Charles Spiteri] vs John Muscat'**[10] fejn l-imputat f'dik il-kawza kien akkuzat li ittrasferixxa jew b'xi mod iehor iddispona minn xi ghasafar minghajr ma ghamel talba lid-Direttur u minghajr awtorizzazzjoni bil-miktub ta' dak it-trasferiment jew id-disponiment u ghalhekk dwar fatti diversi minn dak il-kaz, gie kkunsidrat li:

*'13.Fil-kuntest ta' dan l-aggravju l-appellant isostni li ma ngabet l-ebda prova li b'xi mod turi jew li minna tista' tiġi dezunta l-mens rea rikjesta sabiex tissussisti l-htija tal-appellant.*

*14.F'dan ir-rigward ma hux ċar x'jifhem preċiżament l-appellant bil-mens rea rikjesta sabiex jissusisti r-reat. Għar-reat de quo ma hi meħtieġa ebda intenzjoni speċifika u għalhekk il-kostitwenti tal-element morali jew intenzjonali huma l-ingredjenti tal-intenzjoni ġenerika konsistenti fil-volonta' li jagħmel l- għemil materjali tar-reat u fil-konsapevolezza tan-natura u l-kwalita' tal-istess għemil. Irrizulta minghajr dubbju li numru ta' tajr li kienu fil-pussess tal- appellant fl-1998 ma kienux ghadhom fil-pussess tieghu fl-2012 u minn dan kien legittimu li l-ewwel Qorti tiddezumi li l-imputat iddispona minn dawn it-tjur. Peress li inoltre l-ewwel Qorti ma kellha ebda raguni tahseb, u ma rrizultalha ebda indizju li jaghti lil dik il-Qorti x'tifhem, li l-imputat ma huwiex dotat bil- kapacitajiet ta' volonta' u konsapevolezza li bihom kull persuna hi normalment vestita, dik il-Qorti kellha bizzejjed sabiex ragonevolment tkun sodisfatta li meta l-imputat ddispona mit-tjur msemmija dan ghamlu volontarjament u konsapevolment. Jekk l-appellant ma kienx jaf li kien mehtieg minnu li japplika ghand l-awtorita' kompetenti qabel jiddisponi mit-tjur in kwistjoni din kienet tammonta ghal injoranza tal-ligi penali li quddiem il-ligi ma tiskuzahx.'*

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru, 2014 (Numru 122/2014)

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs Jonathan Muscat'**[11] dwar zamma ta' ghasafar li l-kacca jew it-tehid taghhom huwa projbit li ma kienux dikjaratu u registrati mal-Awtorita' kompetenti fost akkuzi ohra, gie kkunsidrat li:

'7. *In kwantu għall-dik il-parti ta' dan l-**ewwel aggravju** li jirrigwarda l-allegata nuqqas ta' prova ta' mens rea u n-nuqqas ta' prova ta' proprjeta' esklussiva tal-fond residenza tal-imputat appellant, ma hux ċar x'jifhem preċiżament l- appellant bil-mens rea rikjesta sabiex jissusisti r-reat. Għar-reat de quo ma hi meħtieġa ebda intenzjoni speċifika u għalhekk il-kostitwenti tal-element morali jew intenzjonali huma l-ingredjenti tal-intenzjoni ġenerika konsistenti fil- volonta' li jagħmel l-għemil materjali tar-reat u fil-konsapevolezza tan-natura u l-kwalita' tal-istess għemil. Ma jidhirx li jista' jkun hemm xi dubbju li l-għemil inkriminat kien wieħed magħmul mill-appellant volontarjament u li l-appellant kien jaf ben tajjeb f'hix jikkonsisti dak l-għemil. Certament ma hux meħtieġ li l- appellant ikun jaf li l-għemil tiegħu jmur kontra l-liġi penali.*'

Din il-Qorti ghalhekk tqis li rrizulta li l-appellant kien qieghed ghal kacca minghajr ma kellu l-licenzja specjali tal-kacca fir-rebbiegha u ghalhekk anke jekk l-appellant kellu jigi emnut li ma kienx jaf li kien jehtieg licenzja, in linea tal-principju legali *ignorantia legis neminem excusat*, huwa ma jigix skolpiet. L-appellant bhal donnu jrid jaghti x'jifhem li nghata informazzjoni skorreta mill-Ghassa u li kien ghalhekk li hareg ghal kacca, liema allegazzjoni kellha se mai tigi ppruvata mill-appellant la kien huwa li allega dan u mhux il-prosekuzzjoni kif qieghed jippretendi l-appellant. Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tressaq il-provi kollha favur u kontra izda jekk l-appellant ikun jixtieq li jiprova xi haga, huwa l-appellant stess li ghandu jaghmel hekk. In oltre, dan ma jiskolpahx minn proceduri kriminali stante li hija l-ligi stess li tistipula l-htiega ta' licenzja specjali u ghalhekk l-appellant kellu jkun jaf li din kienet mehtiega. La darba huwa mar ghal kacca kif mistqarr minnu stess meta rrizulta li huwa ma kellux licenzja specjali tar-Rebbiegha huwa bizzejjed sabiex tinstab htija.

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Jannar, 2015 (Numru: 121/2014)

Ma tehtieg ebda prova li l-appellant kien qieghed jiprova jikkacja minghajr licenzja valida xjentement.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tat-tielet (3) aggravju gie sottomess li l-ispettur Colin Sheldon ipproduca numru ta' dokumenti immarkati minn JC1 sa JC8. Gie sottomess li fost dawn id-dokumenti hemm ircevuta li allegatament inharget favur l-appellant meta ttiehidlu s-senter u affarijiet ohra relatat mal-arma, liema dokumenti ma humiex awtentikati izda huma kopji. Gie sottomess li kien PS 1231 Roderick Agius li hareg l-ircevuta tal-arma tan-nar u l-affarijiet l-ohra li tinsab immarkata bhala Dok JC8 u li peress li PS 1231 Agius ma xehdtx u giet esebita biss fotokjopja tal-ircevuta mhux awtentikata u allura mhux l-ahjar prova b'hekk il-Qorti ma setghetx tiehu konsiderazzjoni taghha u kellha tiskartaha. Jissottometti li l-ircevuta mhux kompleta u l-fotokopja ghandha partijiet neqsin u jghid li l-istess fotokopja immarkata bhala Dok JC 8 hija imbabsa u fejn hemm immarkata l-arma tan-nar hija imnizzel b'linka blu u lanqas hija kontro inizzjalata minn xi ufficjal tal-pulizija. Li skont l-appellant dan ghandu johloq dubbju dwar l-integrita' tal-prova. Li konsegwenza ta' hekk l-arma tan-nar u l-mnizzjoni ma gewx ipprezentati fl-atti u ma setghu qatt jigu konfiskati bhala parti mill-corpus delicti. Li l-prosekuzzjoni fl-ebda hin ma ezebit lanqas biss formalment xi oggett u b'hekk il-konfiska maghmula mill-Ewwel Qorti qatt ma setghet issehh. Gie sottomess ukoll li l-licenzja prezentata u immarkata bhala JC4 ma hijiex prova ghaliex mhux prezenti skont il-ligi u jghid li l-Qorti kellha tiskartaha.

Skont l-appellant, huwa ma jistax jinstab hati li kiser xi kundizzjoni tal-licenzja principali ghax kopja tal-licenzja principali li hemm fl-atti ma tilhaqx ir-rekwiziti legali u konsegwentement kull addebitu li tohrog mix-xhieda tal-Ispettur Sheldon u tas-Sur Emanuel Muscat in rapprezentanza tad-WBRU rigwardanti licenzja jew licenzji tal-appellant ghandhom jigu skartata ghax ma jikkostitwux prova skont il-ligi. L-appellant jissottometti li wiehed irid iqies ix-xhieda konfuza, xejn serja u xejn preciza tas-Sur Emanuel Muscat, ufficjal pubbiku u parti mill-istaff tad-WBRU li

skont l-appellant ma kienx kapaci jaghti xhieda koerenti u wara hafna domandi diretti, li l-ewwel verzjoni kien qed jixhed dwar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (sittax) u li fuq domanda diretta tal-Qorti jekk il-lista ghamiliex hu, xehed li le. Li skont l-appellant, dan ix-xhud ma kellux gharfien bizzejjed fuq il-materja.

Din il-Qorti sejra tibda billi tqis il-kwistjoni dwar il-kopja mhux awtentikata tal-licenzja tal-armi a fol 13 et sequitur u mmarkata bhala J.C.4. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Emanuel Grech'**[12] deciza minn din il-Qorti kif preseduta kien gie meqjus li:

'*Ghalhekk dawn iz-zewg rekwiziti li ghandha tinkludi licenzja huma relatati mal-kundizzjonijiet li l-prosekuzzjoni qieghda tallega li l-appellant kiser. Gialadarba izda li kif inghad l-imputazzjonijiet huma marbuta mal-licenzja, qabel il-Qorti tista' tikkunsidra l-mertu u cioe' jekk giex ippruvat li l-appellant kiser kundizzjoni jew kundizzjonijiet kontenuti f'licenzja, kien mehtieg li l-Prosekuzzjoni tressaq l-ahjar prova u cioe' kopja awtentika tal-licenzja jew li jitla xhud inkarigat ghal hrug tal- licenzji jixhed bil-gurament sabiex jikkonferma li l-licenzja kontenuta fl-atti anke jekk din giet elevata minghand l-appellant hija filfatt il-licenzja li kienet registrata f'isem l- appellant u li hija ghalhekk awtentika. Fil-mument li jigi stabbilit dan, umbghad il- Qorti kienet tkun f'pozizzjoni tiddeciedi jekk kienx hemm ksur ta' kondizzjoni jew kondizzjonijiet ta' licenzja.*'

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Daphne-Anne VELLA'**[13] fejn il-Qorti qieset fid-detall ir-regola li l-Prosekuzzjoni ghanda tressaq l-ahjar prova u li f'kaz li dan ma jistax isir titressaq prova li kien hemm xi diffikulta fattwali jew legali partikolari li jsir dan. Filfatt ikkunsidrat li:

'*12.Illi l-Prosekuzzjoni kienet fid-dmir li, ai termini tal-artikolu 638 tal- Kodiċi Kriminali ġġib il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti. Fil-każ fejn il-pern tal-kwistjoni tkun iddur fuq klawżola ta' kuntratt, il-Prosekuzzjoni riedet tippreżenta kopja legali awtentikata tal-kuntratt fl-atti biex il-Qorti jkollha l-aħjar prova ta' dak li kien jorbot lil*

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Novembru, 2019 (Appell Numru: 302/2015)
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Ottubru, 2019 (Appell numru 130 tal-2019)

*partijiet.*'

Jirrizulta li l-licenzja mahruga mill-ufficju tal-Armi immarkata bhala J.C.4 u li tinsab a fol 13 et sequitur kienet prezentata mill-Ispettur Colin Sheldon fix-xhieda tieghu, din izda mhijiex kopja awtentikata u jirrizulta li lanqas tressaq ufficjal tal-Ufficju tal-Armi sabiex jikkonfermaha. Nonostante dan, dan ma jfissirx li awtomatikament l-imputazzjonijiet ma gewx ippruvata stante li jrid jigi mistharreg jekk l-imputazzjonijiet humiex intrinsikament marbuta ma' kundizzjoni misjuba fil-licenzja mahruga mill-Ufficju tal-Armi li kopja awtentikata ma gietx ipprezentata. Ghalhekk kollox jiddependi fuq l-imputazzjonijiet mressqa u jew dawn gewx ippruvati. Biex tispjega dan, din il-Qorti sejra taghti ezempju. F'kaz li persuna ikollha licenzja ta' target shooter B ghall-gar ta' arma tan-nar ghal sparar fuq plattini u shot gun minn u ghal range licenzjat u imputat ikun gie mixli li huwa kien qieghed igorr mieghu arma tan-nhar meta la kien fuq ir-range u lanqas kien sejjer minn fuq ir-range jew lejn ir-range, dan kien ifisser li l-imputazzjoni tirrigwarda ksur fil-kundizzjoni ta' licenzja u ghalhekk f'dak il-kaz kien ikun mehtieg li tigi prezentata kopja awtentikata tal-licenzja jew li persuna inkarigata mill-hrug tal-licenzji tikkonferma bil-gurament x'licenzja kellu l-imputat u l-kundizzjonijiet taht dik il-licenzja.

Fil-kaz odjern l-appellant izda huwa akkuzat bis-segwenti:

'*talli nhar il-15 t' April, 2018 fl-inhawi ta' Wied il-Bidnija l/o Mosta, u f'dawn il-Gzejjer, waqt l-istagun miftuh tal-kacca tal-ghasafar mhux fuq il-bahar b' deroga tas-Summiena, ikkaccjajt jew ipprovajt tikkaccja, hadt jew ipprovajt tiehu b' kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, meta ma kontx fil-pussess ta' licenzja valida skond ma jkun japplika, mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u meta ma ssodisfajtx il-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f' kull ligi ohra u dan bi ksur ta' Regolament 12 (l) tal-A.L 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S 549.42).*'

Ghalhekk sabiex din l-imputazzjoni tigi pruvata ma huwiex mehtieg li tigi prezentata kopja tal-licenzja, stante li l-ksur jikkonsisti f'li persuna tikkacja, tiehu jew

tiprova tikkacja jew tipprova tiehu ghasfur meta ma kinitx fil-pussess ta' licenzja validaa. Ghalkemm din l-imputazzjoni tipprovdi ukoll '*u meta ma ssodisfajtx il-kondizzjonijiet kollha specifikati fi-licenzja u f'kull ligi ohra*', din il-Qorti tifhem li din il-parti tal-imputazzjoni hija alternattiva ghal kumplament tal-istess imputazzjoni. Ghalhekk il-fatt li ma gietx ipprezenta la kopja tal-licenzja generali tal-kacca u lanqas kopja awtentikata tal-licenzja tal-armi ma jdajjifx il-kaz tal-prosekuzzjoni stante li gie ippruvat li l-appellant ma kellux licenzja specjali ghal kacca fir-rebbiegha u ghalhekk dik il-licenzja ma setghetx tigi prezentata. L-istess ma jistax jinghad li kieku l-appellant kellu licenzja specjali u kien akkuzat li kiser xi kundizzjoni f'dik il-licenzja. F'dak il-kaz kien ikun mehtieg li tigi prezentata l-licenzja sabiex il-Qorti tistharreg jekk gietx miksura xi kundizzjoni.

L-appellant huwa akkuzat ukoll'*talli ksirt xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew taht dawn ir-regolamenti u dan bi ksur ta' Reg 27 (l) (b) ta' l-A. L 79 ta' l-2006, hekk kif emendat L.S 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.*'

Din l-imputazzjoni hija intrinsikament marbuta mal-fatt li l-ligi tipprojbixxi li persuna tikkaccja jew tipprova tikkaccja meta ma jkolliex permess validu. Ghalhekk ir-restrizzjoni, projbizzjoni li wiehed jikkaccja mingajr licenzja u l-htiega ta' licenzja valida sabiex persuna tkun tista' tikkaccja hija stabbilita bil-ligi u ghalhekk anke f'dan il-kaz il-fatt li kopja awtentitka tal-licenzja tal-armi ma gietx ipprezentata ma huwiex ta' detriment ghal kaz tal-prosekuzzjoni.

L-appellant huwa akkuzat ukoll '*talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma kellekx Licenzja tal-Kacca fir-Rebbiegha mahruga skond dawn ir-Regolamenti u ma ssottomemttejtx l-applikazzjoni tieghek matul il-perjodu stabbilit ghall-Licenzja ghall-Kacca fir-Rebbiegha lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi (Wild Birds Regulation Unit) u dan bi ksur ta' Regolament 4 (1) u 4 (3) tal-L.S 549.57 tal-Ligijiet ta' Malta.*'

Ghalhekk ir-reat jikkonsisti fi ksur ta' ligi u mhux ta' kundizzjoni kontenuta f'xi licenzja.

Dwar ix-xhieda ta' Emanuel Muscat li jahdem WBRU, tqis li minkejja li dan ix-xhud xehed li n-notament li kellu ma kienx preparahom hu, huwa kkonferma li l-imputat ma kienx fil-lista tal-applikazzjonijiet ghal licenzja specjali. B'zieda ma dan, anke li kieku din il-Qorti kellha ma tistrihx fuq dan ix-xhud, jirrizulta mill-affidavit ta' PC 598 K.J. Farrugia huwa jistqar li '*Ahna ccekjajna mar-regisru ta' dawk il-kaccaturi li kellhom il-licenzja specjali ghar-rebbiegha 2018 fil-lista gie kkonfermat li Justin Chetcuti ma kellux licenzja specjali.*' L-appellant ma talabx li dan il-Pulizija jittella biex jixhed in kontro-ezami. Ghalhekk din il-Qorti tqis li gie ppruvat minghajr dubju dettat mir-raguni li l-appellant ma kellux licenzja specjali ghal Kacca fir-rebbiegha fl-elfejn u tmintax (2018). Gialadarba tressqu dawn il-provi, kien umbghad jinkombi fuq l-appellant li jressaq prova fuq bazi ta' probabilita' li huwa kellu din il-licenzja specjali, liema prova ma saritx.

Ikkunsidrat ulterjorament;

L-appellant jissottometti ukoll li l-ircevuta a fol 21 u immarkata bhala J.C 8 ma hijiex awtentikata, anzi in oltre' ghandha partijiet minnha miktuba bil-biro nonostante li din hija kopja u liema korrezzjoni jew kitba maghmulha bil-biro ma hijiex kontro inizjalata. PS1231 li ffirma din l-ircevuta flimkien mal-appellanta baqa ma ttellax jixhed stante li l-appellant kien oggezzjona meta l-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) talbet li dan ix-xhud jittella f'seduta ohra u l-Ewwel Qorti kienet laqghet l-oggezzjoni tad-difiza.

Jirrizulta li din l-ircevuta giet ipprezentata mill-Ispettur Colin Sheldon fix-xhieda tieghu. Din il-Qorti tqis li din il-fotokopja inkluz il-kwalita' taghha tant li hemm partijiet minnha miktuba bil-biro ma hijiex l-ahjar prova. Nonostante dan, jirrizulta li PC 598 K. J. Farrugia fl-affidavit tieghu indika liema oggetti gew 'konfiskati' u li huwa kien xhud ta' dan kollu. Din il-Qorti ghalhekk tifhem li bil-kelma 'konfiskati' PC 598 K.J. Farrugia ried ifisser 'elevati' u dan stante li hija l-Qorti li ghandha s-setgha li tikkonfiska oggetti u mhux il-Pulizija li tista' televa l-oggetti.

Din il-Qorti tqis li gialadarba mill-atti ma jirrizultax li l-oggeti elevati gew esebiti formalment jew materjalment quddiem il-Qorti, il-Qorti ma setghetx legalment tikkonfiska oggetti li baqghu ma gewx prezentati fl-atti. Ghalhekk l-appellant ghandu ragun meta jissottometti li l-prosekuzzjoni fl-ebda hinn ma esebiet, lanqas biss formalment, xi oggett u b'hekk il-konfiska maghmula mill-Ewwel Qorti qatt ma setghet issehh. Ghalhekk din il-Qorti sejra tirrevoka fejn il-Qorti ordnat il-konfiska tal-Corpus delicti.

Dan il-Qorti tikkonklud li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment issib htija tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant.

Ikkunsidrat;

Illi r-raba' aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jissottometti li huwa ma giex akkuzat li hu recediv, li hu haddiem li ghandu familja u li l-unika delizzju huwa li ghandu li meta jsib ftit tal-hin johrog ghal kacca waqt l-istagun miftuh kif kien fil-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018). Jissottometti li l-piena ghandha tirrifletti fuq il-grad ta' negligenzja jekk kien hemm, li ghad li tkun ta' natura kriminuza, ma tilhaq dak il-grad li timmerita piena iebsa u jissottometti li l-iskop tal-piena mhux wiehed ta' tpattija. L-appellant jemmen li ghandu jkun hemm temperament fil-piena u li l-multa moghtija kienet sproporzjonata u ghandha tkun fil-minimu kemm il-darba l-aggravji l-ohra ma jigux milqugha. Jerga jissottometti l-ebda konfiska ma tista' ssir u li s-sospensjoni tal-licenzja ghandha tkun l-anqas possibli kemm il-darba l-Qorti thoss li ghandha timponiha u ma tinzilx taht il-minimu minhabba c-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz.

L-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal hlas ta' elf ewro multa, il-konfiska tal-corpus delicti kif ukoll ordnat is-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga lill-imputat taht dawn ir-regolamenti u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal perjodu ta' sentejn. Kif gia inghad li darba il-Prosekuzzjoni ma prezentatx formalment jew materjalment l-oggetti elevati mill-Pulizija minghand l-

appellant, din il-Qorti sejra tirrevoka l-ordni tal-Ewwel Qorti ghal konfiska tal-*corpus delicti*.

L-Ewwel Qorti fil-parti disposittiva irreferiet ghar-Regolament 27(3)(a) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 kif emendat fil-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 meta giet biex tordna l-konfiska tal-corpus delciti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permesss mahruga lill-appellant taht dawn ir-regolamenti u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, u dan ghal perjodu ta' sentejn. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tqis li la darba l-Qorti rreferiet ghar-Regolament 27(3)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 u mhux ghar-Regolament 27(3)(b) tal-istess Legislazzjoni Sussidjarja, ifisser li l-Qorti qieset li din kienet l-ewwel kundanna tal-appellant. Din il-Qorti taqbel ma dan u dan in vista tal-fatt li minkejja li mill-fedina penali jirrizulta li l-appellant kien instab hati ta' akkuzi rigwardanti li kien qieghed jonsob jew jikkancja meta kellu fil-pussess tieghu *bird caller* u anke li prova jikkacja jew jonsob waqt li kien fil-pussess ta' apparat elettroniku, ma tressqet l-ebda prova li dik is-sentenza kienet ghaddiet in gudikat u li ma gietx appellata.

In oltre', minkejja li l-appellant fl-istqarrija jikkonferma li wiehed mis-snieter huwa mizmum mill-Pulizija fuq kaz precedenti ta' kacca illegali sentejn ilu, ma tressqet l-ebda prova dwar jekk inghatatx sentenza dwar dan u jekk hijiex res judicata. Filfatt huwa lanqas ma gie akkuzat li huwa recediv. Ghalhekk l-Ewwel Qorti korrettament qieset din is-sentenza bhala l-ewwel darba li nstabet htija taht dawn ir-regolamenti. Ghaldaqstant taht ir-Regolament 27(3)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja, il-piena hija dik ta' multa ta' mhux anqas minn hames mitt ewro (€500) u mhux izjed minn elfejn u hames mitt ewro (€2500) kif ukoll il-konfiska tal-corpus delicti, li kif inghad il-konfiska f'dan il-kaz ma setghetx tigi ordnata ghar-ragunijiet moghtija aktar kmieni f'din is-sentenza.

Ghalhekk taht dan is-subartikolu, il-ligi ma timponiex u lanqas ma taghti l-ghazla sabiex tigi sospiza l-licenzja, dan izda ma jfissirx li l-iskwalifika tista' tigi ordnata taht l-artikolu 30(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti izda tqis li la darba s-

sospensjoni tal-licenzja f'dan il-kaz ma hijiex tassattiva, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u cioe' tal-fatt li l-appellant ikkopera mal-Pulizija u anke tal-fatt li ma jirrizultax pruvat li l-appellant kien lehaq spara fuq ghasfur qabel ma nqabad mill-Pulizija anke jekk il-mistoqsijiet maghmulha fl-istqarrija jaghtu x'jifhem li l-Prosekuzzjoni allegat li l-appellant jew certu Charlot spara fuq gamiema, sejra tirrevoka fejn il-Qorti ordnat is-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga lil imputat taht dawn ir-regolamenti u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghal perjodu ta' sentejn. Din il-Qorti izda sejra tikkonferma l-kundanna ghal hlas ta' multa ta' elf ewro (€1000) li hija fil-parametri tal-ligi, liema piena hija ghalhekk wahda proporzjonata.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tikkonferma l-htija misjuba mill-Ewwel Qorti u filwaqt li tikkonferma fejn il-Qorti ordnat il-hlas ta' multa ta' elf ewro (€1000), tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti*, kif ukoll fejn ordnat is-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga lill-imputat, taht dawn ir-regolamenti u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-pulizija, ghal perjodu ta' sentejn.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur